MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Numru 211/2007

Il- Pulzija
(Spettur Therese Sciberras)

-vs-

Priviledge Mupimhidzi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Priviledge Mupimhidzi sive Stephen ta' 20 sena, bin Patrick u Veronica' nee' Zammit, imwieled Zimbabwe fl-14 ta' Ottubru, 1986 u residenti Pine View Flats, No 4 Triq il-Glieba Qawra detentur tal-karta tal-identita' 123804L

Talli:

Fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Marzu, 2007 f’xi hin gewwa Bugibba, San Pawl il-Bahar ikkometta serq li ma jammontax ghall aktar minn Lm50 liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz
U aktar talli sar recediv ai terminu ta’ diversi sentenzi li saru definittivi fil-konfront tieghu.

Rat in- nota ta’ l-Avukat Generali u l-kunsens ta’l-imputat.

Rat x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 49, 261(b), 263, 278(1) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat hija dik ta’ serq aggravat kif ukoll li huwa recidiv b’diversi sentenzi li huma definittivi.

Illi f’l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li l-imputat ghandu ghoxrin sena u diga instab hati ta’ serq kommess f’Novembru tas-sena 2006. Huwa nstab hati ukoll ta’ ksur ta’ kundizzjonijiet imposti mill-Qorti in konnessjoni ma’ helsien minn arrest preventiv. Mix-xhieda ta’l-Ispettur Sciberras jidher li l-imputat kien involut f’xi kazijiet ohra ta’ serq ghalkemm sa’ llum ma jirrizultax li hemm kundanni ohra (hlif dawk fuq imsemmija) fil-konfront tieghu.

Illi l-imputat, tramite l-istqarrija tieghu u dak li qal lill-Ispettur Sciberras fil-kors ta' l-investigazzjoni taghha, allega li huwa kien ghadda minn zmien difficli ghax ma setax isib xoghol u issa li sab xoghol seraq dan il-*hi-fi equipment* biex jghatih bhala rigal lill-*employer* tieghu. Anke kieku l-Qorti kellha temmen din il-versjoni ta' fatti, l-agir ta'l-imputat assolutament mhux gustifikat.
Illi pero l-Qorti, tenut kont ta' l-eta ta' l-imputat, lesta li tghatih opportunita ohra biex jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 261(b), 263, 278(1) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal tlett snin. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------